MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 11/2011

**Decizjoni tal-Arbitru Numru 132/11 fl-ismijiet: -**

**Marco Calleja**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-24 ta' Marzu 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru***

*Ra s-sitt applikazzjoni tal-appellant ghall-Pensjoni Kontributorja (Invalidita`) tal-10 ta' Jannar2011.*

*Ra d-decizjoni tal-Bord Mediku tas-26 ta' Jannar 2011.*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-21 ta' Frar 2011 fejn t-talba tal-appellant giet michuda;*

*Ra l-ittra tal-appell.*

*Sema' mill-appellant fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2011.*

*Ha in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-espert mediku.*

***Ikkunsidra:***

*L-appellant li ghandu tlieta u erbghin sena u li huwa mizzewweg b'zewg itfal jghid illi l-ahhar li hadem kien sentejn jew tliet snin ilu. Huwa kien jahdem bhala self employed bajjad u fl-industija tal-kostruzzjoni izda kellu jieqaf minn dan ix-xoghol peress illi kellu problemi f'dahru. Sussegwentement beda jirregistra ghall-impjieg mal-ETC u beda jfittex xoghol hafif bhal security jew watchman. Pero' dan it-tip ta' xoghol kien difficli jsib anke peresss illi huwa jghid illi ma' jafx jaqra u jikteb. Huwa jzid jghid illi ipprova jaghmel ukoll xoghol ta' kennies ghal xahrejn u mill-ETC sabulu impjieg pero' huwa irrifjuta x-xoghol minhabba l-kundizzjoni f'dahru. Huwa jghid illi apparti mill-ugigh f'dahru huwa jbati wkoll mid-dipressjoni u qieghed taht kura li giet preskritta lilu mit-tabib tal-familja pero' ma' jiftakarx x'pilloli qieghed jiehu u ma' ezebiex certifikati medici dwar xi kundizzjoni mentali. Illi hekk kif ikkonfermat fl-ittra tal-appell tieghu u kif ukoll mix-xhieda tieghu stess, l-appellant ma jhossux kapaci jkompli jaghmel xoghol fil-kostruzzjoni pero' jkun jista' jaghmel xoghol li jkun adattat ghalih ossija b' "light duties".*

*Illi mix-xhieda tal-appellant u kif ukoll mic-certifikati ezebiti ma jirrizultax sodisfacjentement ippruvat illi l-appellant jbati minn mard daqshekk serju, gravi u permanenti li jinhibih milli jahdem hekk kif rikjest mill-artikolu 26 (1)b tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-appell qieghed jigi michud u d-decizjoni tad-Direttur qiegha tigi kkomnfermata."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Marco Calleja (ID 316568 (M) datat 27 ta' Jannar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tibghat lura dawn l-atti quddiem l-Arbitru tas-Sigurta` Socjali sabiex il-kaz jinstema' mill-gdid.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 14 ta' Ottubru 2011 a fol 27 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tal-hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghall-appellat, George Cremona bhala rapprezentant tal-istess u Dr. Toni Abela ghall-appellant prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2012.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 5 ta' Gunju 2012 fejn irrikjamat il-kawza ghas-26 ta' Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati b'tali rikjam tal-kawza ghall-imsemmija data.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 24 ta' Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li fl-Avviz li jinghata ghall-appell quddiem l-Arbitru (Dok. “C”) ma jinghadx lill-appellant li ghandu jgib il-provi kollha mieghu u dan l-allegat nuqqas jilledi d-dritt li ghandu l-appellanti li jinstema’ skond il-principju bazilari *audi alteram partem* u dan ghaliex fil-fatt l-istess appellant, kif tghid id-decizjoni ma ressaq ebda provi dokumentarji jew certifikati dwar il-kundizzjoni tieghu li kienu jinkludu certifikati medici fosthom dawk annessi ma’ dan l-appell bhala Dok. “E” sa Dok. “G” u ghalhekk qed jinghad li l-Arbitru kellu jiehu konjizzjoni tal-kundizzjoni medika tieghu li skond l-appellant ma ghamilx ghaliex ma kellux quddiemu dawn il-provi.

Illi din il-Qorti thoss li fid-decizjoni moghtija fil-21 ta’ Frar 2011 (fejn l-appellant gie informat li t-talba tieghu ghal pensjoni ta’ invalidita’ datata 10 ta’ Jannar 2011 ma gietx milqugha ghaliex ma giex ikkunsidrat li jbati minn marda serja jew inkapacita’ korporali jew mentali tali li tirrendih permanentement inkapaci milli jwettaq impjieg xieraq jew jahdem ghalih innifsu) huwa gie informat li kellu dritt ta’ appell fit-terminu ta’ 30 gurnata hemm indikat.

Illi jidher li l-appellant fehem dan, u ghamel appell tempestivament u huwa gie informat li l-appell tieghu kellu jinstema’ it-Tlieta 15 ta’ Marzu 2011 u anke li jekk ma jidhirx l-appell seta` xorta jigi deciz jew anke michud b’dan li fl-istress Avviz kien hemm brani mill-**artikolu 108 (1) u (8) tal-Kap. 318.**

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta car mill-istess Avviz li l-appellant kien informat bid-data meta l-appell kellu jigi mismugh u la darba l-kwistjoni f’dan il-kaz kienet dwar il-kapacita’ o meno li l-appellant jahdem, tant li l-kaz kollu kien fuq l-allegata kondizzjoni medika tal-appellant, mela allura l-appellant kien debitament informat dwar meta l-appell tieghu kien ser jigi mismugh u allura huwa kellu jirregola ruhu skond l-istess u dan seta` jaghmlu tenut kont tal-fatt li huwa gie informat bl-avviz tas-smiegh tal-appell datat 28 ta’ Frar 2011, u allura kellu zmien bizzejjed sabiex jekk kellu xi diffikolta’ dwar x’kien ser jigri dak in-nhar huwa seta` jikkonsulta lill-istess dipartiment jew

addetti tieghu jew inkella ma’ persuna li huwa jhoss li jista’ jikkonsulta ghaliex kienet taf kif jmorru jew jitmexxew kazijiet bhal dawn,  inkluz li l-istess appellanti jikkonsulta ma’ persuni li huma edotti minn tali proceduri nkluz dak ta’ parir professjonali ta’ avukat. Dan l-appellanti odjern kellu zmien bizzejjed biex jaghmlu ghaliex mid-data tal-avviz sad-data tal-appuntament kien hemm 15-il gurnata.

Illi jidher li l-appellanti ma ghamel xejn minn dan, u deher u ta x-xhieda tieghu u ma jidhirx li pprovda ebda certifikazzjoni medika li tipprova dak minnu allegat; ovvjament tenut kont li la darba din ma kinitx l-ewwel applikazzjoni tal-appellant ghall-pensjoni kontributorja (Invalidita), tant li jirrizulta li din kienet is-sitt applikazzjoni, din il-Qorti thoss li l-appellant kien jaf fuq x’hiex kien l-appell li fuq kollox ghamel huwa stess; ma hemmx dubju li kif xehed l-appellant fehem li l-kwistjoni kienet jekk huwiex kienx ibati minn xi kundizzjoni li timpedih li jahdem u jidher li din il-prova ma saritx minnu, anke in vista  ta’ dak li huwa qal lill-arbitru fejn jidher li ammetta li prova jsib xoghol hafif u anke kien beda jirregistra ghax-xoghol u dan kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Marzu 2011 quddiem l-Arbitru. Fil-fatt l-Arbitru jidher li bbaza d-decizjoni tieghu mhux biss fuq ir-rapport mediku datat 26 ta’ Jannar 2011 izda wkoll minn l-ittra tal-appell u wkoll mid-dikjarazzjoni tieghu fejn fl-istess decizjoni jinghad li l-appellant jhoss li ma jistax jaghmel xoghol ta’ kostruzzjoni, *“pero’ jkun jista’ jaghmel xoghol li jkun adattat ghalih ossija b’light duties”.* Fil-fatt din hija parti mill-motivazzjoni tad-decizjoni.

Illi huwa fid-dawl ta’ dan kollu li din il-Qorti ghandha tara l-lamentela tal-appellant u din il-Qorti thoss li l-avviz moghti lilu ghas-smigh tal-appell kien jindika b’mod adegwat li s-smigh tal-appell tieghu kien ser isir dak in-nhar, u li huwa kellu jkun prezenti ghas-smigh u la darba l-appell kien dwar l-allegata kondizzjoni medika tieghu, ma kien hemm xejn x’jimpedixxi lill-appellant li jressaq tali certifikati medici, ghalkemm tali certifikati jidhru li kienu wkoll disponibbli fil-file tal-appell.

Illi din il-Qorti ma thossx li f'dan il-kaz il-mod ta' kif sar l-avviz kien jikser id-dritt ta' *audi alteram partem* ghaliex imkien fl-istess avviz ma hemm indikat li kien ser jigi michud lill-appellanti li jinstema' jew li jressaq xi provi dokumentarji jew xort'ohra in sostenn tal-allegazzjonijiet tieghu, u jekk l-appellant ma ressaqx il-provi li llum huwa jhoss li ghandu jressaq, ma jistax jimputah lill-appellat, izda *se mai* lilu nnifsu li ma dderigix ruhu tempestivament; il-fatt li huwa lajk ma kien jimpedih bl-ebda mod li jfittex lil min jifhem f'din il-procedura, kif *bonus pater familias* jaghmel f'cirkostanzi meta jhoss li huwa ghandu bzonn l-ghajnuna, haga li jidher li ghamel meta huwa pprezenta dan l-appell, ghaliex jidher li huwa rrekorrra ghand persuna professjonali li llum qed tidderigieh f'dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li taht l-ebda cirkostanza ma tista tikkonsidra li dan l-appell huwa b'xi mod fondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat id-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) datata 14 ta' Ottubru 2011, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Marco Calleja fir-rikors tal-appell tieghu datat 19 ta' April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet "Marco Calleja vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (Decizjoni 132/11 TSC) datata 24 ta' Marzu 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Marco Calleja.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------